

**Digriet tal-President tal-Qorti Ĝeneralni tal-5 ta' Lulju 2013
— Zweckverband Tierkörperfeseitigung vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-309/12 R)

(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Ħlas ta' kontribuzzjonijiet lil assoċjazzjoni irregolata taħt id-dritt pubbliku — Għajnuna mill-Istat — Obbligu ta' rkupru — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Urġenza”)

(2013/C 260/74)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Zweckverband Tierkörperfeseitigung in Rheinland-Pfalz, im Saarland, im Rheingau-Taunus-Kreis und im Landkreis Limburg-Weilburg (Rivenich, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Kerkemann, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Sauer u T. Maxian Rusche, aġġenti)

Partijiet intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Saria Bio Industries AG & Co. KG (Selm, il-Ġermanja); SecAnim GmbH (Lünen, il-Ġermanja); u Knochen-und Fett-Union (KFU) GmbH (Selm) (rappreżentanti: U. Karpenstein u C. Johann, avukati)

Suġġett

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/485/UE, tal-25 ta' April 2012, dwar l-għaj-nuna mill-Istat SA.25051 (C 19/2010) (ex NN 23/2010) mogħiġ-tija mill-Ġermanja lil Zweckverbands Tierkörperfeseitigung in Rheinland-Pfalz, im Saarland, im Rheingau-Taunus-Kreis und im Landkreis Limburg-Weilburg (ĠU L 236, p. 1).

Dispożittiv

(1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.

(2) L-ispejjeż huma rriżervati.

**Digriet tal-President tal-Qorti Ĝeneralni tas-17 ta' Lulju 2013
— Borghezio vs Il-Parlament**

(Kawża T-336/13 R)

(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Il-Parlament Ewropew — Att ta' esklużjoni ta' membru parlamentari mill-grupp politiku tiegħi — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Inammissibbiltà manifesta tar-rikors prinċipali — Inammissibbiltà tat-talba — Nuqqas ta' urġenza”)

(2013/C 260/75)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Mario Borghezio (Torino, l-Italja) (rappreżentant: H. Laquay, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: N. Lorenz, N. Görlitz u M. Windisch, aġġenti)

Suġġett

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-att tal-Parlament Ewropew, adottat fforma ta' dikjarazzjoni mill-President tiegħi f-sessjoni plenara tal-10 ta' Ġunju 2013, li mit-3 ta' Ġunju 2013 ir-rikkorrent ipoġġi bħala membru parlamentari mhux ir-reġistrat u huwa għalhekk esklużi mill-grupp politiku “Europe Libertés Démocratie” b'effett minn din id-data.

Dispożittiv

(1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.

(2) L-ispejjeż huma rriżervati.

Rikors ippreżzentat fis-27 ta' Ġunju 2013 — Groupe Léa Nature vs UASI — Debonaire Trading (SO'BIO étic)

(Kawża T-341/13)

(2013/C 260/76)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Groupe Léa Nature (Périgny, Franza) (rappreżentant: S. Arnaud, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell: Debonaire Trading Internacional, Lda (Funchal, il-Portugall)

Talbiet tar-rikorrent

— tiddikjara r-rikors ammissibbli

— tannulla d-Deċiżjoni R 203/2011-1 tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tas-26 ta' Marzu 2013, innotifikata fit-18 ta' April 2013;

— tikkundanna lil DEBONAIRE TRADING INTERNACIONAL LDA u lill-UASI sabiex kull wieħed minnhom ibati l-ispejjeż tiegħi sostnuti matul il-proċeduri quddiem il-Qorti Ġeneral.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: ir-rikkorrent

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali “SO'BIO étic”, għal prodotti fil-klassijet 3, 24 u 25 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 6 827 281

Proprietarja tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell